MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 221/2011

**Safaco Limited**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

It-Tribunal

Ra r-rikors prezentat mis-socjeta Safaco Limited fis-17 ta' Ottubru 2011 permezz ta' liema talab li t-Tribnunal jikkancella d-decizjoni tal-Kunnissarju tat-Taxxi (referenza numru SV2007/00398 IR(S) 2009/3015) datatA 14 ta' Settembru 2011 u jikkancella n-notifika ta' likwidazzjoni datata tas-17 ta' Lulju 2009 u konsegwentement jiddikjara li l-ebda taxxa ta' boll m'ghandha tigi imposta fuq it-trasferiment ta' ishma da parti ta' Dr Victor A. Preziosis a favur ta' Safaco Limited; b'l-ispejjez kontra l-intimat.

Ra r-risposta ta' l-appellant datata 11 ta' Lulju 1997 li permezz taghha oppona ghat-talba tas-socjeta rikorrenti u talab li din tigi michuda b'l-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

Ra d-dokumenti esebieti u l-atti processwali innkluz l-verbal ta'l-udjenza mizmuma f'l-14 ta' Settembru 2011 meta l-Kummissarju intimate iddikjara li mhux qed jikkontesta l-fatti kif dikjarati mis-socjeta rikorrenti.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri fil-qosor huma s-segwenti:

- Permezz ta' skrtittura datata 15 ta' Ottubru 2007 Safaco Limited akkwistat minghand Dr Victor A preziosi sebgha mija u hamsin (750) sehem fis-socjeta Joseph Arrigo p.l.c. ghall-prezz ta' hamsa u erbghin elf lira Maltija (Lm45,000).
- Fis-16 ta' Ottubru 2007 l-imsemmija skrittura giet prezentata lill-Kummissarju tat-Taxxu u thallset is-somma ta' tlett elef mija u hamsin Lira Maltija (Lm3,150) bhala taxxa provvizzorja fuq qliegh kapitali; dak in-nhar s-socjeta rikorrenti goiet mitluba tipproduci audited accounts tas-socjeta Jospeh Arrigo p.l.c., Form T. u valutazzjoni ta' engineer.
- Is-socjeta Jospeh Aarrigo p.l.c. irrifjutat li taghti kopja ta' l-audited accounts lis-socjeta rikorrenti, irrifjutat li tinnotifika lir-Registratur tal-Kumpaniji bit-tibdil f'l-azzjonisti .
- Fis-16 ta' Novembru 2007 is-socjeta Joseph Arrigo p.l.c. zammet Laqgha Generali Straordinarja

- Fit-22 ta' Ottubru 1993 l-appellant ghamel konvenju biex jixtri u jakkwista dar fi Triq Dun Vincens Saliba

Birkirkara[1] fi stat ta' gebel u saqaf, bil-prezz ta' tmintax il-elf lira Maltija (Lm18,000). F'l-4 ta' Jannar 1994 bhala parti mill-proceduri normali biex l-appellant jottjeni s-self imsemmi saret stima tal-fond in kwistjoni; skond din l-istima l-valur tas-suq ta' dan il-fond, fi stat ta' gebel u saqaf, kien ta' Lm18,000.

- Il-kuntratt relattiv gie ppubblikat fit-18 ta' April 1994 u minbarra l-bejgh kien jinkorpora ukoll self favur l-appellant minghand il-Bank Centrali ta' Malta f'l-ammont ta' erbatax il-elf Lira Maltija (Lm14,000) li minnhom disa' telef liri thallsu bhala parti mill-prezz lill-venditur u l-bilanc ta' hames telef lira kellhom jigu utilizzati mill-appellant ghal-*finishing* tad-dar. L-avviz ta' trasferiment bil-hlas tat-taxxa provizorja u boll relattiv sar tardivament fil-11 ta' Awissu 1995[2]. Wara li sar l-kuntratt l-appellant ghamel ix-xogholijiet kollha necessarji biex il-fond jirrendih wiehed abitabbli.
- Il-Kummissarju, wara stima li saret minn perit inkarigat minnu[3], stabilixxa l-valur ta' dan il-fond f'l-ammont ta' disgha u ghoxrin elf lira Maltija (Lm29,000) u hareg likwidazzjoni ta' taxxa f'l-4 ta' April 1996. L-appellant oggezzjoni ghal din il-likwidazzjoni pero permezz ta' decizjoni tal-Kummissarju tat-18 ta' Gunju 1997 cahad din l-oggezzjoni u llikwida finalment it-taxxa u t-taxxa addizzjonali pagabbli mill-appellant f'l-ammont ta' elfejn u mtt lira Maltija (Lm2,100). L-avviz ta' din il-likwidazzjoni nhareg fit-2 ta' Lulju 1997.
- Fit-8 ta' Lulju 1997 l-appellant interpona dan l-appell quddiem il-Bord tal-Kummissarji Specjali; huwa jallega li l-prezz dikjarat fil-kuntratt huwa wiehed reali u jirrispekkja l-valur tas-suq f'dak il-perjodu.

Illi jirrizulta li l-appellant kien impjegat mal-Bank Centrali ta' Malta u huwa ottjena s-self b'rata preferenzjali ta' imghaxx kif solitament jigri f'kaz ta' self lill-impjegati tal-banek. Dan fisser li l-bejgh u l-valur dikjarat waqa ukoll

---

[1] Meta sar il-konvenju t-triq in kwistjoni kienet ghada indikata bhala "triq gdida bla isem".
[2] Ir-responsabbilta ta'l-avviz ta' trasferiment ma kenitx ta' l-appellant imma tan-nutar li ppublika l-kuntratt.
[3] L-access minn dan il-perit sar meta x-xogholijiet fil-fond kienu tlestew.

taht l-iskrutinju tal-Bank imsemmi li zgur ma'kellu l-ebda interess li jidher bhala parti f'kuntratt fejn il-valur dikjarat tal-propjeta in vendita tkun wahda inveritjera.

Illi in oltre jirrizulta li l-fondi immedjatament agjacenti ghal dak in kwistjoni[4] nbieghu ftit xhur qabel, ukoll fi stat ta' gebel u saqaf, bi prezz ta' sittax il-elf Lira Maltija (Lm16,000). Mill-atti ma jidhirx li fil-konfront ta' dawn it-trasferimenti saret xi likwidazzjoni ta' taxxa mill-Kummissarju[5].

Illi anke l-perit membru tal-Bord tal-Kummissarji Specjali (li quddiemu din il-kawza kienet pendenti) wara li zamm access wasal ghall-konkluzzjoni li l-valur tas-suq tal-fond in kwistjoni, fi stat ta' gebel u saqaf, fis-sena 1994 kien ta' Lm18,000.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt li l-valur ta' Lm18,000 dikjarat mill-appellant bhala l-prezz tal-fond in kwistjoni mhux biss kien dak li attwalment thallas imma kien il-valur tas-suq.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qed jilqa t-talba ta' l-appellant u konsegwentement jannulla l-likwidazzjoni in dizamina b'l-ispejjez kontra l-appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Jidher mill-atti li huma fondi identici ghal dak in ezami.
[5] Ref dokument esebiet a fol 142